**DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/519**

**tal-5 ta' Marzu 2025**

**dwar il-proċess għall-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi fl-Ajruport ta' Schiphol f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 598/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

*(notifikata bid-dokument C(2025) 1355)*

**(It-test bl-Olandiż biss huwa awtentiku)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 598/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-istabbiliment ta' regoli u proċeduri fir-rigward tal-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju f'ajruporti tal-Unjoni fi ħdan Approċċ Bilanċjat u li jħassar id-Direttiva 2002/30/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(3) tiegħu,

Billi:

(1) Permezz tal-ittra tal-4 ta' Settembru 2024 ([2]), in-Netherlands innotifikaw, skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) Nru 598/2014 (ir-"Regolament"), lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li jintroduċu restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju fl-Ajruport ta' Schiphol (in-"Notifika").

(2) Permezz tal-ittra tas-27 ta' Settembru 2024 ([3]), is-servizzi tal-Kummissjoni talbu speċifikazzjoni ulterjuri dwar il-medda notifikata tal-limiti massimi tal-movimenti u kjarifiki oħra mill-awtoritajiet Netherlandiżi biex ikunu jistgħu jirrieżaminaw il-proċess għall-introduzzjoni tar-restrizzjonijiet operattivi fl-Ajruport ta' Schiphol u jivvalutaw il-kompatibbiltà tal-miżuri previsti mar-Regolament.

(3) Permezz tal-ittra tas-6 ta' Diċembru 2024 ([4]), l-awtoritajiet Netherlandiżi pprovdew elementi addizzjonali biex jikkomplementaw in-Notifika b'indikazzjoni tal-limitu massimu annwali preċiż tal-movimenti, li huwa stabbilit għal 478 000, u bi preżentazzjoni ta' informazzjoni ulterjuri dwar ix-xenarju bażi, il-kontribut tal-miżuri proposti għall-objettiv tat-tnaqqis tal-istorbju u s-suppożizzjonijiet sottostanti. In-Notifika tqieset kompluta mid-data tal-wasla tal-informazzjoni addizzjonali mill-awtoritajiet Netherlandiżi.

(4) Ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli u l-proċeduri li jridu jiġu segwiti minn Stat Membru qabel ma jintroduċi restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju fl-ajruporti tal-Unjoni.

(5) Il-proċess għall-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi fl-Ajruport ta' Schiphol innotifikat min-Netherlands fl-4 ta' Settembru 2024 u kkomplementat fis-6 ta' Diċembru 2024, ġie rieżaminat mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 598/2014.

(6) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna biss is-sejbiet tal-Kummissjoni sa fejn ċerti elementi fl-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju ma segwewx bis-sħiħ il-proċess stabbilit fir-Regolament. Is-servizzi tal-Kummissjoni wettqu proċess ta' rieżami f'konformità mal-Artikolu 8(3) tar-Regolament li r-riżultati tiegħu huma riflessi f'dokument ta' ħidma tal-persunal li jsir pubbliku fl-istess mument tan-notifikar ta' din id-Deċiżjoni lill-awtoritajiet Netherlandiżi.

(7) In-Notifika inkludiet bħala Anness il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Istorbju 2024–2029 għall-Ajruport ta' Schiphol li jinkludi l-aktar mappa strateġika aġġornata tal-istorbju li tmur lura għall-2021 biex tiġi identifikata s-sitwazzjoni tal-istorbju fl-Ajruport ta' Schiphol. Fil-valutazzjoni tas-sitwazzjoni tal-istorbju, in-Netherlands iddikjaraw li użaw metodoloġija f'konformità mad-Dokument 29 tar-Rapport tal-Konferenza Ewropea tal-Avjazzjoni Ċivili bi qbil mal-Anness I tar-Regolament.

([1]) ĠU L 173, 12.6.2014, p. 65.
([2]) Irreġistrata bir-referenzi Ares(2024)6274926, Ares(2024)6274959, u Ares(2024)6275032.
([3]) Ares(2024)6858995.
([4]) Ares(2025)87541.

(8) F'termini tal-identifikazzjoni tas-sitwazzjoni tal-istorbju, l-awtoritajiet Netherlandiżi ħadu bħala punt tat-tluq it-Tbassir tal-Użu ta' Schiphol għall-2023 u pproġettaw x'se tkun is-sitwazzjoni f'Novembru 2024, jekk wieħed jassumi għadd annwali ta'
500 000 moviment ta' titjiriet kummerċjali li joperaw lejn jew mill-Ajruport ta' Schiphol, li minnhom 32 000 huma billejl.

(9) Il-kalkoli juru s-sitwazzjoni tal-istorbju li ġejja:

— l-għadd ta' djar fil-kontorn ta' 58 dB (A) $L_{den}$ ikun ta' 7 081;

— l-għadd ta' nies irritati ħafna fil-kontorn ta' 48 dB (A) $L_{den}$ ikun ta' 113 862;

— l-għadd ta' djar fil-kontorn ta' 48 dB (A) $L_{night}$ ikun ta' 5 685;

— u l-għadd ta' nies li l-irqad tagħhom huwa disturbat severament fil-kontorn ta' 40 dB (A) $L_{den}$ ikun ta' 24 365.

(10) In-Netherlands iddefinixxew objettiv tat-tnaqqis tal-istorbju u rreġistrawh bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni tagħhom dwar l-Istorbju 2024-2029.

(11) L-objettiv tat-tnaqqis tal-istorbju jikkonsisti mis-subobjettivi li ġejjin:

(a) tnaqqis b'20 % tal-għadd ta' djar fil-kontorn ta' 58 dB (A) $L_{den}$;

(b) tnaqqis b'20 % tal-għadd ta' nies irritati ħafna fil-kontorn ta' 48 dB (A) $L_{den}$;

(c) tnaqqis bi 15 % tal-għadd ta' djar fil-kontorn ta' 48 dB (A) $L_{night}$; kif ukoll

(d) tnaqqis bi 15 % tal-għadd ta' nies li l-irqad tagħhom huwa disturbat severament fil-kontorn ta' 40 dB (A) $L_{den}$.

(12) In-Notifika speċifikat li s-subobjettivi a) u b) tat-tnaqqis tal-istorbju kellhom jinkisbu f'żewġ fażijiet:

— 15 % bħala l-ewwel pass, sal-1 ta' Novembru 2025, u

— il-5 % li jifdal f'fażi sussegwenti, li ma kinitx definita f'termini ta' żmien.

(13) Is-subobjettivi c) u d) iridu jinkisbu wkoll sal-1 ta' Novembru 2025.

(14) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna biss l-ewwel pass, jiġifieri t-tnaqqis ta' 15 % tal-għadd ta' nies u djar affettwati fil-kontorni tal-istorbju speċifikati u hija mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni futura tal-Kummissjoni tal-proċess għall-introduzzjoni tat-tnaqqis li jifdal ta' 5 %, sa fejn dan ikun jeħtieġ restrizzjonijiet operattivi ġodda u notifika ġdida.

(15) Fid-definizzjoni tas-sitwazzjoni tal-istorbju u x-xenarju bażi li fid-dawl tiegħu titkejjel il-kisba tal-objettiv tat-tnaqqis tal-istorbju, l-awtoritajiet Netherlandiżi ddeċidew li ċerti miżuri, li jnaqqsu l-istorbju, jiġu inklużi fix-xenarju bażi u għalhekk ma jitqisux li jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettiv tat-tnaqqis tal-istorbju.

(16) Dawn huma l-miżuri li s-settur tal-avjazzjoni kien diġà ħabbar jew li preżumibilment jieħu irrispettivament minn kwalunkwe rekwiżit impost mill-awtoritajiet Netherlandiżi. Dawn jissejħu "żviluppi awtonomi" fin-Notifika. Tali miżuri jinkludu t-tiġdid awtonomu tal-flotta u ċerti proċeduri operattivi għat-tnaqqis tal-istorbju. It-tiġdid awtonomu tal-flotta huwa bbażat fuq suppożizzjoni mill-awtoritajiet Netherlandiżi rigward it-tiġdid tal-flotta tal-linji tal-ajru f'sitwazzjoni ta' "status quo". Skont l-awtoritajiet Netherlandiżi, is-suppożizzjonijiet huma bbażati fuq ix-xejriet tal-industrija. Madankollu, in-Notifika ma tinkludi l-ebda prova ulterjuri ta' kif ġew derivati x-xejriet tal-industrija u kif tqiesu s-sitwazzjoni speċifika u l-partikolaritajiet tal-Ajruport ta' Schiphol meta ġew irfinati s-suppożizzjonijiet. Fir-rigward tal-proċeduri operattivi, dawn jinkludu użu akbar ta' proċeduri ta' Avviċinament bi Nżul Kontinwu (CDA), użu akbar ta' operazzjonijiet bi flaps ridotti, aderenza ta' 95 % mal-proċeduri tal-qtugħ mill-art tat-tip "Proċedura għat-Tnaqqis tal-Istorbju tat-Tluq" (NADP-2) u miżuri inklużi fil-Programm "Minder Hinder Schiphol" li kienu skedati li jiġu implimentati qabel Novembru 2024, kif hemm identifikat fl-Anness B tar-rapport To70 li kien inkluż fil-konsultazzjoni pubblika ta' Marzu 2023.

(17) Biex jinkiseb l-objettiv tat-tnaqqis tal-istorbju sa Novembru 2025, l-awtoritajiet Netherlandiżi kkonkludew li huma meħtieġa l-miżuri li ġejjin:

— l-użu ta' inġenji tal-ajru aktar silenzjużi matul il-lejl minn KLM Royal Dutch Airlines;

— it-tiġdid addizzjonali tal-flotta abbażi tal-iskedi tal-linji tal-ajru, minbarra t-tiġdid awtonomu tal-flotta;

— l-inċentivar tal-użu ta' inġenji tal-ajru aktar silenzjużi permezz tal-iffissar tal-imposti tal-ajruport;

— l-esklużjoni tal-inġenji tal-ajru b'marġni ta'-13EPNdB jew aktar mill-Ajruport ta' Schiphol matul il-lejl;

— il-limitazzjoni tal-movimenti tal-inġenji tal-ajru għal 27 000 fis-sena matul il-perjodu ta' billejl; kif ukoll

— il-limitazzjoni tal-movimenti totali tal-inġenji tal-ajru għal 478 000 fis-sena.

(18) L-awtoritajiet Netherlandiżi kkonkludew li l-limitu massimu annwali tal-movimenti tal-inġenji tal-ajru jkollu jiġi stabbilit għal 478 000 biex jinkiseb bħala minimu tnaqqis ta' 15 % fis-subobjettivi kollha tal-objettiv tat-tnaqqis tal-istorbju. Fis-subobjettivi b), c) u d) il-kombinazzjoni tal-miżuri taqbeż it-tnaqqis tal-istorbju stabbilit mill-objettiv tat-tnaqqis tal-istorbju, speċjalment matul il-lejl.

(19) Jenħtieġ li jiġi nnutat li l-limitu massimu annwali jkopri biss servizzi kummerċjali skedati u mhux skedati. L-operazzjonijiet tal-avjazzjoni ġenerali u tal-avjazzjoni għal skopijiet ta' negozju jiġu injorati għall-fini tal-limitu massimu annwali fl-ajruport ta' Schiphol.

(20) Sussegwentement għan-Notifika, u skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament, il-Kummissjoni rrieżaminat il-proċess għall-introduzzjoni tar-restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju.

(21) Il-Kummissjoni identifikat ċerti elementi fin-Notifika li ma segwewx bis-sħiħ il-proċess għall-introduzzjoni tar-restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju stabbiliti fir-Regolament.

(22) Skont l-Artikolu 5(3)(a) tar-Regolament, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta tittieħed azzjoni relatata mal-istorbju, l-effett prevedibbli ta' tnaqqis tal-istorbju tal-inġenji tal-ajru fis-sors jitqies bħala miżura disponibbli. It-tiġdid tal-flotta jrid jitqies bħala tali miżura peress li l-linji tal-ajru jissostitwixxu inġenji tal-ajru eqdem b'inġenji tal-ajru aktar ġodda li jipproduċu inqas storbju.

(23) In-Notifika tiddikjara li l-objettiv tat-tnaqqis tal-istorbju jrid jitkejjel fid-dawl tax-xenarju bażi, li jinkludi l-effett tal-iżviluppi awtonomi kif deskritt fil-Premessa (16) fuq tul ta' żmien. In-Netherlands jargumentaw li dan jippermetti li jiġu ddeterminati l-effetti u l-kontribut għall-objettiv tat-tnaqqis tal-istorbju tal-miżuri l-ġodda proposti mill-awtoritajiet Netherlandiżi b'mod iżolat għal kwalunkwe miżura li s-settur qed jieħu fuq inizjattiva tiegħu stess. Fi kliem ieħor, in-Netherlands biħsiebhom jiksbu l-objettiv tat-tnaqqis tal-istorbju *flimkien* ma' kwalunkwe tnaqqis tal-istorbju li jirriżulta mill-iżviluppi awtonomi tal-industrija.

(24) In-Notifika tiddikjara li l-iżviluppi awtonomi mhumiex biżżejjed biex jinkiseb l-objettiv tat-tnaqqis tal-istorbju minħabba li jkunu newtralizzati mit-tkabbir tat-traffiku. Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li minħabba li l-limitu massimu annwali propost tal-movimenti huwa ta' 478 000, mhux se jkun hemm aktar żieda fit-traffiku tal-ajru u għalhekk l-iżviluppi awtonomi tal-industrija jistgħu jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-istorbju fl-ajruport lil hinn minn Novembru 2025. Għal dawn ir-raġunijiet, u mingħajr preġudizzju għad-Direttiva dwar l-Istorbju ([5]), l-awtoritajiet Netherlandiżi jenħtieġ li jikkunsidraw l-impatt ta' kombinazzjoni bejn il-limitu massimu tal-movimenti implimentat minn Novembru 2025 u l-iżviluppi awtonomi tal-industrija fl-analiżi tagħhom tal-effetti prevedibbli ta' tnaqqis tal-istorbju tal-inġenji tal-ajru fis-sors.

([5]) Id-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali (ĠU L 189, 18.7.2002, p. 12).

(25) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li l-awtoritajiet Netherlandiżi ma pprovdewx raġunament fir-rigward tal-metodoloġija u s-suppożizzjonijiet li jsejsu l-qasma tat-tiġdid tal-flotta bejn il-parti tat-tiġdid awtonomu tal-flotta tax-xenarju bażi kif spjegat fil-Premessa (8), u t-tiġdid addizzjonali tal-flotta li jitqies bħala miżura li tikkontribwixxi biex jinkiseb l-objettiv tat-tnaqqis tal-istorbju. Il-Kummissjoni tinnota li r-raġunament u l-metodoloġija li jsejsu l-qasma huma meħtieġa biex in-Netherlands ikunu jistgħu jiddeterminaw il-kosteffettività u l-effett prevedibbli ta' tnaqqis tal-istorbju tal-inġenji tal-ajru fis-sors.

(26) Skont l-Artikolu 5(3)(c) tar-Regolament, bil-ħsieb li tiġi ddeterminata l-aktar miżura kosteffiċjenti jew kombinazzjoni ta' miżuri, l-Istati Membri jridu jiżguraw li jitqies l-effett tal-proċeduri operattivi għat-tnaqqis tal-istorbju fuq l-objettiv tat-tnaqqis tal-istorbju. Il-proċeduri operattivi għat-tnaqqis tal-istorbju jinkludu l-Operazzjonijiet ta' Nżul Kontinwu (CDOs, Continuous Descent Operations), l-Operazzjonijiet ta' Tlugħ Kontinwu (CCOs, Continuous Climb Operations), il-Proċeduri għat-Tnaqqis tal-Istorbju tat-Tluq (NADPs, Noise Abatement Departure Procedures) u l-operazzjonijiet tan-Navigazzjoni Bbażata fuq il-Prestazzjoni (PBN, Performance Based Navigation) fiż-żoni tat-terminals madwar l-ajruporti.

(27) Fir-rigward tal-proċeduri tal-NADP speċifikament, in-Netherlands isostnu li bejn l-1 ta' Jannar 2023 u t-28 ta' Lulju 2024, aktar minn 95 % tat-titjiriet diġà segwew il-proċedura tal-NADP-2. Fir-rigward tal-operazzjonijiet li għadhom ma jużawx din il-proċedura, in-Netherlands isostnu li din mhijiex legalment infurzabbli, u xi bdoti japplikaw proċedura differenti kif meħtieġ mil-linja tal-ajru li jtiru għaliha. Fir-rigward tal-proċeduri tal-PBN, dawn jippermettu lill-inġenji tal-ajru jsegwu trajettorji tat-titjiriet laterali u preċiżi ħafna u profili mtejba tat-tlugħ u tal-inżul, u b'hekk jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-istorbju. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1048 [6] dwar il-PBN jeżiġi li l-fornituri tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru/tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru jiżguraw tranżizzjoni bla xkiel u sikura għall-forniment tas-servizzi tagħhom bl-użu ta' servizzi tan-navigazzjoni bbażati fuq il-prestazzjoni u jippubblikaw il-proċeduri tal-PBN. Il-LVNL ippubblika diversi proċeduri tal-PBN inklużi proċeduri bil-karatteristika tar-raġġ sa punt ta' tmiem fiss (RF, Radius to Fix) li tippermetti lill-inġenji tal-ajru jinnavigaw b'mod aktar preċiż bejn iż-żoni residenzjali u dan jippermetti it-tnaqqis tal-medda fit-trajettorji tat-titjiriet bejn iż-żoni mibnija.

(28) Kif deskritt fil-Premessa (16), xi proċeduri operattivi huma inklużi fix-xenarju bażi. Minħabba l-limitu massimu annwali tal-movimenti, l-effett ta' dawn l-iżviluppi awtonomi mhux se jibqa' jiġi newtralizzat mit-tkabbir tat-traffiku u għalhekk jistgħu jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-istorbju fl-ajruport lil hinn minn Novembru 2025. Madankollu, l-awtoritajiet Netherlandiżi rrifjutaw li jikkunsidraw l-użu ulterjuri tal-miżuri operattivi għat-tnaqqis tal-istorbju: l-ewwel, dawk li jmorru lil hinn mill-miżuri stabbiliti fil-Programm "Minder Hinder Schiphol" u t-tieni, dawk li, filwaqt li kienu inklużi f'dak il-Programm, ma ġewx implimentati sad-data ppjanata ta' Novembru 2024. Il-Kummissjoni tinnota li l-awtoritajiet Netherlandiżi għalhekk ma eżaminawx bis-sħiħ l-effett ta' dawn il-miżuri skont l-Artikolu 5(3)(c) tar-Regolament.

(29) L-Artikolu 5(6) tar-Regolament jipprovdi li r-restrizzjonijiet operattivi m'għandhomx ikunu diskriminatorji.

(30) Fir-rigward tan-nondiskriminazzjoni, il-Kummissjoni tinnota li l-miżuri huma mmirati lejn l-avjazzjoni kummerċjali biss. L-awtoritajiet Netherlandiżi spjegaw li fix-xenarju bażi l-istorbju prodott mill-avjazzjoni ġenerali u mill-avjazzjoni għal skopijiet ta' negozju huwa inkluż. Tiġi applikata żieda ta' 2,5 % fl-istorbju biex jitqiesu dawk it-tipi ta' servizzi, li mhijiex negliġibbli fid-dawl tal-objettiv tat-tnaqqis tal-istorbju inkluż fin-Notifika. Il-Kummissjoni tinnota li dawn it-tipi ta' operazzjonijiet għalhekk jikkontribwixxu għall-problema ġenerali tal-istorbju madwar l-Ajruport ta' Schiphol. L-awtoritajiet Netherlandiżi inkludew l-istorbju li jipproduċew fix-xenarju bażi li għalih japplikaw il-pjanijiet għat-tnaqqis tal-istorbju. Madankollu, in-Notifika ma tinkludi l-ebda miżura ta' mitigazzjoni tal-istorbju applikabbli għall-avjazzjoni ġenerali u l-avjazzjoni għal skopijiet ta' negozju. Għalhekk, filwaqt li kemm l-avjazzjoni kummerċjali kif ukoll l-avjazzjoni ġenerali u l-avjazzjoni għal skopijiet ta' negozju jikkontribwixxu għall-problema tal-istorbju, il-piż kollu tat-tnaqqis tal-istorbju mill-operazzjonijiet kollha fl-Ajruport ta' Schiphol jinġarr mill-avjazzjoni kummerċjali biss. Dan l-approċċ huwa diskriminatorju għad-detriment tal-avjazzjoni kummerċjali. L-inklużjoni tal-avjazzjoni ġenerali u tal-avjazzjoni għal skopijiet ta' negozju fil-miżuri ta' mitigazzjoni tal-istorbju setgħet tnaqqas il-ħtieġa għal restrizzjonijiet operattivi.

(31) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tinnota li l-Artikolu 6(3) tar-Regolament jeżiġi li l-awtoritajiet kompetenti jsegwu u jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tar-restrizzjonijiet operattivi u jieħdu azzjoni kif xieraq.

[6] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1048 tat-18 ta' Lulju 2018 li jistipula rekwiżiti dwar l-użu tal-ispazju tal-ajru u l-proċeduri operattivi dwar navigazzjoni bbażata fuq il-prestazzjoni (ĠU L 189, 26.7.2018, p. 3).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Abbażi tar-rieżami tagħha dwar jekk in-Netherlands segwewx il-proċess skont ir-Regolament (UE) Nru 598/2014, il-Kummissjoni tqis li l-proċess ġie rrispettat, bl-eċċezzjoni tal-elementi li ġejjin:

(a) in-Netherlands eskludew l-avjazzjoni ġenerali u l-avjazzjoni għal skopijiet ta' negozju mill-miżuri operattivi filwaqt li inkludew l-istorbju minn dawk l-operazzjonijiet fis-sitwazzjoni tal-istorbju bi ksur tal-Artikolu 5(6) tar-Regolament;

(b) in-Netherlands ikkunsidraw biss parzjalment l-effetti prevedibbli tal-miżuri li jnaqqsu l-istorbju tal-inġenji tal-ajru fis-sors permezz tat-tiġdid awtonomu tal-flotta kif meħtieġ mill-Artikolu 5(3)(a) tar-Regolament.

(c) in-Netherlands ikkunsidraw biss parzjalment il-proċeduri operattivi għat-tnaqqis tal-istorbju kif meħtieġ mill-Artikolu 5(3)(c) tar-Regolament.

2. In-Netherlands għandhom jeżaminaw din id-Deċiżjoni u jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-intenzjonijiet tagħhom qabel ma jintroduċu dawk ir-restrizzjonijiet operattivi fl-Ajruport ta' Schiphol.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tan-Netherlands.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Marzu 2025.

*Għall-Kummissjoni*
Apostolos TZITZIKOSTAS
*Membru tal-Kummissjoni*